MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 514/2003

**Avviz numru 514/2003DM**

**Joseph Brincat Limited**

**Vs**

**Doriana Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm4,094.18 (erba' telef u erba' u disghin lira Maltin u tmintax il-centeznu) ammont huwa dovut fuq tlettax-il kambjala accettati (numri 1; 2; 3; 4; 5; 6; 7; 8; 9; 10; 11; 12; 13) (li kopja taghhom awtentika hija anness mall-avviz) u kollha skaduti (fit-28/4/2001; 28/5/2001; 28/6/2001; 28/7/2001; 28/8/2001; 28/9/2001; 28/10/2001; 28/11/2001; 28/12/2001; 28/1/2002; 28/2/2002;

28/3/2002; 28/4/2002) rispettivament protestati u mhux imhallsa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest tat-2 ta' Settembru 2003 ( annessi mal-avviz) u bl-interessi sa mid-data ta' l-iskadenza rispettiva ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-kuntratt esibit:

Rat il-kopja awtentikata tal-kambjalijiet in kwistjoni;

Rat ukoll in-nota ta' riduzzjoni pprezentata mill-istess kumpanija attrici permezz ta' liema rriducew it-talba taghhom ghas-somma ta' Lm1,606.93 (elf sitt mija u sitt liri Maltin u tlieta u disghin centezmu) stante pagament ta' somma ta' Lm3,000 (tlett elef lira Maltin) maghmula fil-mori tal-kawza;

Billi l-konvenuta la kkontestat it-talba attrici u lanqas ma dehret fis-seduta tal-lum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni; t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qedghda tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-kumpanija attrici s-somma kif ridotta ta' elf sitt mija u sitt lira Maltin u tlieta u disghin centezmi (Lm1,606.93) bl-imghaxijiet legali b'effett mit-28 ta' Dicembru tas-sena 2001 fuq l-import tal-kambjala numru 9 (disgha) esibita u bl-imghaxijiet mid-data tal-kull skadenza rispettiva tal-kambjali l-ohra li ghalqu b'effett mit-28 ta' Jannar tas-sena 2002;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------